MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 592/1996/2

**Costantino Muscat f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-assenti Joseph Muscat; Giovanna Mizzi, Mose` Muscat, Rosario Muscat, Maria Dolores Camilleri, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar, Maria Carmela Muscat, Peter Muscat, Salvina Farrugia, Salvu Muscat u Carmelo Muscat; u b'nota tat-13 ta' Novembru, 1996, Publius, Michelangelo, Mario u Joseph ahwa Farrugia assumew l-atti bhala eredi tal-mejta ommhom Salvina Farrugia; u b'digriet tat-30 ta' Lulju, 1997, stante l-mewt ta' Carmelo Muscat fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marguerite Vella, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar u Carmel**

**Muscat; u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 1998, id-digriet tat-30 ta' Lulju, 1997, gie dikjarat null u bla effett; u b'digriet tal-15 ta' Gunju, 1998, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marguerite Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Carmen Zerafa, Josie Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar, Carmel Muscat, Teresa Muscat u Grace Saliba f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Concetta sive Connie Carr; u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2000, stante l-mewt ta' l-attur Salvatore (Salvu) Muscat fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri u Rita Theuma**

**v.**

**Nazzareno sive Reno u Anna konjugi Muscat u b'digriet tas-16 ta' Gunju, 1999, ir-Registratur ta' l-Artijiet gie msejjah fil-kawza**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI: IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

1. B'citazzjoni ipprezentata mill-atturi fil-kawza fl-ismijiet premessi huma ippremettew illi huma ko-proprjetarji pro indiviso, flimkien mal-konvenuti, ta' proprjeta` kemm immobiljari kemm mobiljari provenjenti lilhom mill-wirt ta' Ganni u Angela konjugi Muscat, u mill-wirt ta' Giuseppa, Vittorio u Emanuela ahwa Muscat; illi l-proprjeta` immobiljari tikkonsisti fis-segwenti:- (a) razzett u gardina maghrufa ta' Zitellu f'Curved Street, gia` triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq; (b) fond numru 51, Mill Street, Zurrieq; (c) fond numru 13, Nigret Junction, kantuniera ma' Mill Street, Zurrieq; (d) ghalqa f'Santa Marija Bubaqra; illi kull wiehed mill-istanti bhala ko-proprjetarji ta' l-imsemmija proprjeta` ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta`; illi l-konvenuti qed jippretendu pussess esklussiv ta' din il-proprjeta` ad eskluzjoni ta' l-istanti u issa qed jivvantaw ukoll pretensjonijiet li huma proprjetarji unici ta' l-imsemmija proprjeta` immobiljari; talbu li din il-Qorti:-

(1) tiddeciedi u tiddikjara illi l-atturi huma ko-proprjetarji pro indiviso tal-proprjeta` immobiljari u konsegwentement kull wiehed minnhom ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta`:
(2) illi l-konvenuti jigu kundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jikkonsenjaw lill-atturi kopja tac-cavetta/muftieh ta' kull fond fuq imsemmi b'mod li kull wiehed mill-atturi jkollu access liberu ghall-istess fond.

L-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Gunju, 1995, u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru, 1995, kontra l-konvenuti.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**
2. Il-konvenuti Nazzareno sive Reno u Anna, konjugi Muscat eccepew:-
(1) Illi l-attur nomine qieghed jagixxi in forza ta' prokura illi giet moghtija lilu, illi llum huma mejtin u illi l-werrieta ta' dawn il-mandatarji m'ghandhomx interess li jaghmlu din il-kawza.

(2) Illi l-konvenuti qatt ma ghamlu oggezzjoni sabiex jikkonsenjaw kopja tac-cwievet tal-fondi msemmija fil-paragrafi (b), (c) u (d) tac-citazzjoni.

(3) Illi t-testmenti li jirregolaw is-successjoni illi permezz taghha dawn il-proprjetarjiet gew fil-pussess ta' l-attur proprio et nomine u l-konvenuti jekk jittiehdu fil-kuntest tac-cirkostanzi taghhom u jinstemghu x-xhieda opportuni, jigi zvelat illi l-konvenuti ghandhom ikunu l-proprjetarji assoluti tal-fond imsemmi fil-paragrafu (a) tac-citazzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TA' L-IMSEJJAH FIL-KAWZA</u>**
3. L-imsejjah fil-kawza r-Registratur ta' l-Artijiet eccepixxa:-
(1) Illi dwar il-mertu huwa jirrileva li l-prezenza tieghu fil-kawza odjerna hija necessarja biss ghall-iskop ta' l-eventwali esegwibilita` tal-gudizzju ta' din il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 51(5) tal-Kapitolu 296 fir-rigward tac-certifikat ta' Titolu mahrug fuq il-proprjeta` msemmija fic-citazzjoni.

(2) Illi ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti ghar-rigward tat-talbiet.

(3) Illi fi kwalunkwe kaz pero` huwa m’ghandux ibati spejjez.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B’decizjoni taghha tat-3 ta’ Ottubru, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici billi fl-ewwel lok iddikjarat li huma ko-proprjetarji pro indiviso tal-proprjetajiet immobijari msemmija fic-citazzjoni u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti sabiex zmien tliet gimghat jikkonsenjaw lill-atturi c-cavetta/muftieh ta’ kull fond biex ikollhom access liberu ghalihom, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**L-AGGRAVJU TAL-KONVENUTI KONJUGI MUSCAT**

5.1 Il-konvenuti konjugi Muscat hassewhom aggravati b’din d-decizjoni u minnha interponew appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju li fil-fehma taghhom l-Qorti ta’ Prim Istanza ghamlet interpretazzjoni tad-disposizzjoni testamentarja li ma tirrispekkjax il-volonta` ta’ min ried jaghmel il-laxxitu lill-ulied ghozzieba hemm espressament menzjonati. L-aggravju ghalhekk gie limitat ghall-kwistjoni koncernanti l-fond deskritt fic-citazzjoni bhala razzett u gardina maghrufa Ta’ Zitellu f’Curved Street, gia` triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq. Kwantu ghall-fondi l-ohra l-konvenuti appellanti kienu gia` accettaw illi dawn huma komuni ghall-kontendenti.

5.2 L-appellanti issottolinejaw min-naha taghhom certi princpji rigwardevoli in materja ta’ interpretazzjoni ta’ testmenti in generali, del resto tramandati mill-guriskonsult Ruman <u>Paulus</u> fil-kanoni ta’ l-ermenewtika testamentarja li huma s-segwenti:-

“a) Huwa principju assolut kif imfisser mir-Ricci u fuq l-awtorita` ta’ bosta sentenzi illi

"cio` che interessa di stabilire quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anziche attinersi strettamente alle parole usate dal disponente, puo` risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione." (Vol. XXIX p.I.p.394).

"b) Billi hu kompitu tal-gudikant li jinterpreta t-testmenti (Vol.XXXVIII p.II p.599), sabiex jinterpreta tajjeb disposizzjoni testamentarja, huwa jehtieglu jippenetra l-intenzjoni legittima tat-testatur li hi l-ligi li tirregolaha. (Vol.XVL p.I p.661).

"c) Fl-interpretazzjoni ghandu jittiehed rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall-kliem:–

"i testamenti si debbono interpretare non secondo il senso letterale delle parole ma secondo il loro intrinsico contesto." (Vol. XXVII p.II p.58).

"d) Jinsab in effetti enuncjat il-principju illi

"trattandosi di un atto di ultima volonta` l'attenzione viene sempre richiamata a due indagini, cioe` quanto al potere legittimo del disponente, e alla sua volonta`, onde non contrasta la prima, la quistione si riduce e si concentra alla sua volonta` dominante dei disponenti, conseguemente una severa ed accurata ricerca, a potere conchludere che cosa i disponenti abbiano inteso e voluto." (Vol. X p. 457).

5.3 Applikati l-principji affermati <u>supra</u> ghall-kaz taht konsiderazzjoni l-appellanti jissottomettu li mid-disposizzjoni testamentarja ezaminata illi l-volonta` dominanti tat-testaturi kienet dik li jikkonferixxu ghal wara mewthom lit-tliet uliedhom <u>flimkien</u> il-laxxitu tal-fond specifiku lilhom imholli.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet <u>"Notaio Ottone de Domencio et vs. Sac. Don Pietro Paolo Spiteri noe. et"</u>, 21 ta' Marzu, 1898, riportata a Vol. XII p. 243:-
"si reputa la istituzione fatta congiuntemente quando dipende da una sola e medesima disposizione e il

testatore non abbia assegnato la parte di ciascuno erede nell'eredita`."

5.4 Il-fatt li d-disposizzjoni partikolari skrutinata tipprovdi ghad-dritt ta' l-akkrexximent "f'kaz ta' mewt jew passagg ghaz-zwieg" ta' xi wiehed fost il-prelegatarji qabel il-mewt ta' l-ahhar wiehed fost it-testaturi – parafrasi del resto ta' l-Artikolu 737 tal-Kodici Civili – mhux biss ma jeskludix l-iskop volut ta' laxxitu kongunt, talli jissokta jsahhah il-fatt illi t-testaturi riedu u ghazlu li dan il-prelegat kellu jkun proprju destinat lit-tliet ulied imsemmija konguntement. Din kienet l-intenzjoni manifesta taghhom favorita mill-ispirtu tad-disposizzjoni, jissottomettu l-appellanti.

5.5 Skond l-insenjament in subjecta materia l-intenzjoni tat-testatur tiddeduci ruhha proprju mill-istituzzjoni primittiva kontenuta fl-istess disposizzjoni jew vokazzjoni li tkun konguntement u kumulattivament issejjah lill-kollegatarji ghall-istess legat. ("Commento Sulle Leggi Civili del Regno delle Due Sicilie", Annibale Giordano).

5.6 Huwa pacifiku, ikomplu l-appellanti, illi meta t-testaturi ipprovdew expressis ghad-dritt ta' l-akkrexximent f'kaz ta' premorjenza ta' xi hadd fost il-prelegatarji ghall-istess testatur dan ghamluh fl-ewwel lok biex jeliminaw is-sostituzzjoni tacita u d-dritt tar-rapprezentazzjoni kontemplata fl-Artikolu 745 tal-Kapitolu 16. (Vol. XVIII p.II p. 190; Vol. XXVIII p. I p.962; Vol. XXXIII p.II p.223). Dan ma jeskludix pero` l-fatt illi l-ko-testaturi riedu wkoll li dan id-dritt ta' l-akkrexximent jibqa' jigi konsegwit fost il-kollegatarji supersititi.

5.7 Skond l-appellanti huwa importanti li jigi osservat, kif jafferma u jsostni Baudry Lacantinerie ("Delle Donazione e di Testamenti", Vol. II para. 2913) illi l-Artikoli 1044 u 1045 (korrispondenti ghall-Artikolu 737 tal-Kodici taghna) "contengono solo delle presunzione destinate a interpretare la volonta' del testatore quando quest non l'ha fatta conoscere." U l-Giorgi ("I legati nel Diritto Civile Italiano Vol. II p.539) josserva wkoll a propozitu s-segwenti:-

"Che l'accrescimento possa essere del testatore ordinato in modo espresso o tacito non credo che possa essere evocato in dubbio, specialmente perche` nei casi di chiamata congiuntiva l'accrescimento e` ammesso in base alla presunta volonta` del testatore." (Vide Vol. XXXIX p.I p.63).

5.8 Stabbilit il-premess huwa importanti li jigi ravvizat illi,
"non e` lecito da una disposizione isolare un brano sconnesso col resto della stessa. Nell'urto tra il senso letterale di una espressione col resto delle disposizioni quella riceve spiegazione dal complesso di questo."

Dan ghaliex

"le antinomie non si presumono in una stessa disposizione." (Vol. VIII, p.427).

5.9 Finalment l-appellanti jissollevaw ukoll il-pregudizzjali dwar il-kap ta' l-ispejjez. Mill-kompless tal-fatti processwali kompriz l-osservazzjoni illi l-imsejjah fil-kawza sar ad istanza ta' l-atturi, l-appellanti ma kellhomx jigu akkollati l-ispejjez kollha tal-kawza.

5.10 Ghaldaqstant il-konvenuti konjugi Muscat, appellanti, talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2001, fejn din iddecidiet illi l-atturi huma wkoll komproprjetarji <u>pro indiviso</u> tal-proprjeta` immobiljari konsistenti f'razzett u gardina maghrufa Ta' Zitellu f'Curved Street, gia` triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq, u li konsegwentement ghandhom jinghataw cavetta ta' l-istess – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

<u>**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAR-REGISTRATUR TA' L-ARTIJIET**</u>

6. L-imsejjah fil-kawza wiegeb hekk
"(1) Illi l-prezenza tieghu fl-appell odjern hija necessarja biss ghall-iskop ta' l-eventwali ezegwibilita` tal-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-Artikolu 51(5) tal-Kapitolu 296;

“(2) Illi in vista tas-suespost huwa jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

“(3) Illi pero` huwa ma ghandux jigi soggett ghall-ebda spejjez.”

**IR-RISPOSTA TA’ L-ATTURI APPELLATI**

7.1 L-atturi appellati wiegbu hekk:-
Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

7.2 Illi dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tapplika s-sanzjonijiet li tikkontempla l-Ligi ghal dan il-kaz.

7.3 L-aggravju uniku ta’ l-appellanti huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tad-disposizzjoni testamentarja ta’ Ganni u Angela konjugi Muscat.

L-appellati jissottomettu li d-disposizzjoni testamentarja cioe` l-Art. 4 tat-testment unica charta ta’ Ganni u Angela konjugi Muscat in atti Nutar Nicola Said ma hu soggett ghal ebda interpretazzjoni ghax jghid dak li jghid b’mod univoku. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-artikoli kollha tal-Ligi li jirregolaw is-successjoni u in partikolari l-Art. 737 u 738 tal-Kap. 16 iwasslu ghall-konkluzjoni wahda u cioe` illi r-raba’ artikolu tat-testment precitat ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni.

7.4 Il-konvenuti qed jaghmlu attentat biex mill-posizzjoni ta’ konvenuti u per via ta’ eccezzjoni jwaqqghu disposizzjoni testamentarja.

Ta’ min ifakkar illi Ganni u Angela konjugi Muscat mietu fil-11 ta’ Awissu, 1961, u fis-17 ta’ Marzu, 1974, (cioe` 40 sena u 27 sena ilu) rispettivament; billi l-azzjonijiet biex jintalab wirt, jew legat jew legittima jispiccaw bl-gheluq ta’ ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni (Art. 845 Kap. 16), anqas bhala atturi ma jistghu jintavolaw l-azzjoni relattiva.

Sal-lum il-konvenuti ma intavolaw ebda azzjoni dwar il-wirt ta' Ganni u Angela konjugi Muscat u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghazla hlief li tapplika l-ligi ghad-disposizzjoni testamentarja li tghid dak li tghid b'mod univoku.

7.5 Illi ghalhekk huwa ovvju illi l-appell tal-konvenuti huwa biss manuvra biex itawlu inutilment id-dritt ta' l-atturi appellati sancit fl-Art. 491 tal-Kodici Civili.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. L-aggravji tal-konvenuti jistghu in succint jingabru fis-segwenti:-
(i) li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni tad-disposizzjoni testamentarja tat-testament "de quo" li ma tirrispekkjax il-volonta` tat-testaturi;

(ii) li, tenut kont tal-fatti kif jemergu fl-atti tal-kawza, u billi wkoll il-kjamata fil-kawza tar-Registratur ta' l-Artijiet saret ad istanza u fl-interess ta' l-atturi, il-konvenuti ma kellhomx jigu akkollati huma interament bl-ispejjez gudizzjarji kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

9. Fl-ewwel lok, tajjeb li jigi osservat li l-appell ta' l-atturi jirrigwarda biss ir-razzett u l-gardina maghrufa bhala "Ta' Zitellu", f'Curved Street, gia` Triq il-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq.

Il-vertenza tikkoncerna disposizzjoni testamentarja partikolari tal-mejtin Giovanni sive Ganni u Angela, konjugi Muscat, li tinsab fl-ahhar testment taghhom tas-17 ta' Jannar, 1957 in atti tan-Nutar Nicola Said (Dok A, a fol. 14 et seq. tal-process). In forza ta' l-imsemmi testment, il-konjugi Muscat kienu innominaw bhala eredi universali taghhom lit-tmien uliedhom, u fosthom Francesco Muscat, li jigi missier il-partijiet fil-kawza.

Fl-istess testment surreferit, it-testaturi hallew bi prelegat lil tlieta minn uliedhom, igifieri lil Vittoria, Emanuela u Giuseppa, ir-razzett u l-gardina maghrufa bhala "Ta'

Zitellu”, f’Curved Street, Zurrieq. Il-partijiet mhumiex jaqblu dwar min hu llum legalment is-sid ta’ dawn l-ambjenti u dan peress li ma humiex jaqblu dwar dak li jghid ir-raba’ artikolu tat-testment. Din id-disposizzjoni kontestata tghid hekk (ara fol. 16 tal-process):

“Ir-raba’ artikolu

It-testaturi Giovanni u Angela mizzewgin Muscat ihallu b’titolu ta’ prelegat ghal wara l-mewt taghhom it-tnejn, lit-tliet uliedhom li ghadhom ma zzewgux u kemm-il darba ma jkunux mizzewga fil-gurnata tal-mewt tat-testatur superstiti, li jisimhom Vittorio, Emmanuele u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b’gardin mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq ‘Tal-Macina’ kontrada ‘Tan-Nigret’ u hekk ukoll imsejjah sive ‘Taz-Zitellu’ bhala liberu u frank minn kwalunkwe piz, u dana f’porzjonijiet ugwali u bid-dritt ta’ l-akkrexximent bejn l-istess prelegatarji f’kaz ta’ mewt jew ta’ passagg ta’ zwieg ta’ xi wiehed minnhom qabel il-mewt ta’ l-ahhar wiehed fost it-testaturi….”

10. Kif sewwa gie ritenut mill-ewwel Qorti l-partijiet jaqblu li t-tlett ulied imsemmija fil-prelegat baqghu ma zzewgux qabel id-data tal-mewt ta’ l-ahhar wahda mit-testaturi, igifieri Angela Muscat, li mietet fis-17 ta’ Marzu, 1974, u li t-tlieta li kienu lkoll mietu warajha. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel mietet Giuseppa fil-11 ta’ April, 1974, u li t-tlieta li kienu lkoll mietu warajha. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel mietet Giuseppa fil-11 ta’ April, 1974, imbaghad Emmanuele fit-22 ta’ Dicembru, 1992, u, fl-ahharnett, Victor sive Vittorio li miet fit-28 ta’ Ottubru, 1994.

11. Jirrizulta li s-successjoni ta’ Victor u Emmanuele sive Manwel, ahwa Muscat, hija regolata permezz ta’ zewg testmenti in atti tan-Nutar R. Zammit Pace. Dawn hallew bhala unici eredi taghhom lill-konvenuti Nazzareno u martu Anna Muscat. Il-vertenza qamet mill-fatt li Giuseppa Muscat, prelegatarja, mietet wara t-testatrici minghajr pero` ma ghamlet testment. Skond l-ewwel Qorti, mal-mewt ta’ Giuseppa Muscat sehemha iddevolva

favur hutha u ulied hutha premorti, skond il-kaz, kulhadd fl-ishma rispettivi tieghu. Il-konvenuti appellanti ma jaqblux. Skond l-appellanti, meta t-testaturi ordnaw l-akkrexximent fost il-prelegatarji, huma riedu li l-fond u l-gardina jghaddu fuq it-tlett ulied imsemmija, u f'kaz ta' premonjenza jew zwieg, il-legatarji rimanenti jgawdu t-totalita` tal-proprjeta`.

12. Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata tad-disposizzjoni testamentarja surreferita peress li skond huma l-volonta` ta' min ried jaghmel il-laxxitu lit-tliet ulied ghozzieba ma gietx rispekkjata. Huma jiccitaw ghadd ta' decizjonijiet fuq materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti. Dan biex isostnu l-punt li l-gudikant ghandu jhares lejn l-intenzjoni u l-volonta` tat-testatur u jmur oltre l-kliem adoperat fit-testment. Applikat dan il-principju, isegwi li t-testaturi riedu jikkonferixxu ghal wara mewthom <u>lit-tliet ulied imsemmija flimkien</u> il-laxxitu tal-fond specifiku lilhom moghti. Huma jirreferu ghal dak li jinghad fl-Artikoli 737 u 738 tal-Kap. 16 dwar id-dritt ta' l-akkrexximent u kif dan kellu japplika meta l-istituzzjoni jew il-legat ikunu jiddependu mill-istess disposizzjoni fil-wirt jew fil-haga mhollija b'legat.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm huwa minnu, kif gie sottomess mill-parti appellanti, li l-gudikant ghandu jiehu rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall-kliem uzat (hekk ara d-decizjoni in re: "T. Vella u M. A. Vella et", Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Novembru, 1954, u ohrajn), fl-istess waqt trid ukoll taghti konsiderazzjoni, billi issegwi l-principju l-iehor xejn anqas importanti (hekk ara decizjoni in re: "F. Grima et vs. V. Borg", Prim Awla, 16 ta' Mejju, 1961) li,
"…..meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, ma hux lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu."

Dan l-insenjament dejjem kien wiehed kostanti kemm qabel u kemm wara s-sentenza appena citata. Hekk l-

istess inghad, per ezempju, fid-decizjoni in re: “Carmelina Mifsud et –vs– Matilde Pullicino et”, Appell Civili, 13 ta’ Gunju, 1888, fejn fiha gie ritenut li,
“Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino.”

Sentenza recensjuri f’dan is-sens ukoll, moghtija minn din il-Qorti, hija dik fl-ismijiet “Connie Galea noe et –vs– Joseph Gauci” tal-31 ta’ Mejju, 2002. Huwa biss f’dawk il-kazi meta l-kliem adoperat fit-testment ikun certament u manifestament kuntrarju ghall-volonta` tat-testatur li jregi dak li gie sottomess mill-parti appellanti – li pero` ma jidhirx li f’dan il-kaz in ezami huwa applikabbli. Fi kliem iehor, u minn punto di vista ta’ dritt, fejn ma hemmx ambigwita` fil-kliem tat-testment, dak li jinghad fih hu proprju dak li ghandu jipprevali u jorbot. Dan ir-ragjonament hu konformi mal-principju baziku ta’ l-ermenewtika li “ubi nulla ambigiutas verborum est faciende voluntas questio”.

14. L-Artikolu 737 tal-Kap. 16 li,
“Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 745 u ta’ l-Artikolu 866, meta zewg persuni jew izjed huma istitwiti jew imsejhin flimkien ghall-wirt jew ghal-legat, u xi wahda minnhom tmut qabel it-testatur, inkella ma tkunx kapaci li tircievi, jew tirrinunzja ghall-wirt jew ghal-legat, jew ma jkollhiex jedd ghalih billi ma tkunx grat il-kondizzjoni li tahtha kienet hekk istitwita jew imsejha, is-sehem ta’ din il-persuna, bl-obbligi u l-pizijiet li jkun hemm mieghu, jizdied ma’ dak tal-werrieta jew legatarja l-ohra.”

Issa l-Artikolu 4 tat-testment imholli mill-konjugi Muscat isemmi laxxitu “bid-dritt ta’ l-akkrexximent bejn l-istess prelegatarji f’kaz ta’ mewt jew ta’ passagg ta’ zwieg ta’ xi wiehed minnhom <u>qabel</u> il-mewt ta’ l-ahhar wiehed fost it-testaturi.” Il-kliem huwa car u bla ambigwita` ta’ xejn. Kif allura tajjeb gie ritenut mill-ewwel Qorti jidher li l-kundizzjonjiet imposti fl-istess laxxitu kollha sehhew u gew

segwiti fil-kaz in ezami. Giuseppa Muscat, wahda mill-prelegatarji, mietet wara ommha. Il-fatt li l-omm (l-ahhar testatrici superstiti) mietet fis-17 ta' Marzu, 1974, u bintha Giuseppa mietet ftit gimghat warajha, igifieri fil-11 ta' April, 1974, ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni diversa minn dik kif moghtija mill-ewwel Qorti, kondiviza pjenament minn din il-Qorti, dwar il-volonta` tat-testaturi. Dan ghaliex ghal fini ta' interpretazzjoni ta' l-intenzjoni ossia volonta` tat-testaturi, meta l-kliem huwa car u mhux ambigwu,

"e` necessario riconscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si deve indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all'esame della volonta` espressa."

(Ara appell Civili Mallia et –vs– Falzon et, decizjoni moghtija fl-24 ta' April, 1884)

15. Wara l-mewt ta' l-omm, ghalhekk, kull wiehed mit-tlett prelegatarji wiret terz ta' l-istess proprjeta`. Id-dritt ta' l-akkrexximent li hemm imsemmi fid-disposizzjoni testamentarja tal-konjugi Muscat kien isehh fil-kaz jekk xi hadd mill-legatarji kellu jmut qabilhom – li mhux il-kaz. Lanqas ma jista' jinghad li tirrizulta xi volonta` differenti minn dik kif mifhuma mill-Qorti ghaliex jidher car li t-testaturi riedu fil-fatt li din il-proprjeta` partikolari tmur ghand dawn it-tliet ulied li kienu qeghdin iduru bihom sal-gurnata ta' mewthom. Li kieku l-ewwel Qorti iddecidiet kif qed jigi sottomess mill-konvenuti, ikun ifisser li t-testaturi kienu jkunu qeghdin effettivament jithallew jiddisponu mhux biss minn gidhom izda wkoll mill-assi ta' l-eventwali eredi taghhom. Kif tajjeb jghallem l-awtorevoli Pacifici Mazzoni (ara "Codice Civile Italiano Commentato" – Trattato delle successioni (Parte II, Vol VI, p.20)) dwar id-dritt ta' l-akkrexximent fil-kaz ta' ko-eredi,

"Se pero` uno dei coeredi muoia dopo il testatore ma prima di aver accettato l'eredita`, non puo` dirsi che la sua parte rimanga vacante; imperocche` egli trasmette ai suoi eredi il diritto di accettare. E` necessario quindi che questi vengano a mancare, perche` la quota di colui formar possa materia del diritto di accrescimento."

Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel Qorti iddecidiet korrettement fis-sens li l-atturi appellati kellhom sehem mill-proprjeta` kollha msemmija fl-att tac-citazzjoni u li konsegwentement l-appellanti ghandhom l-obbligu li jaghtu wkoll koppja tac-cwievet lill-appellati tal-fond fuq imsemmi.

Isegwi ghalhekk li l-aggravji tal-konvenuti fil-meritu qieghed jigi respint.

16. It-tieni aggravju sollevat mill-konvenuti huwa dwar il-kap ta' l-ispejjez. Huma jillanjaw mill-fatt li minkejja li l-atturi ikkjamaw fil-kawza lir-Registratur ta' l-Artijiet, il-konvenuti gew ikkundannati li jhallsu ghall-ispejjez ta' din il-procedura li saret fl-interess ta' l-atturi. Jirreferu wkoll ghal dak li, skond huma, jirrizulta "mill-kompless tal-fatti processwali" (ara para. 15 tar-rikors ta' appell).

Ghalkemm proceduralment ir-regola normali hija dik li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-parti sokkombenti, hemm sitwazzjonijiet li jkunu tali li jissuggerixxu spartizzjoni ta' l-ispejjez jew addirittura jkunu jimmeritaw kapovolgiment ta' din ir-regola bil-parti vincitrici ikkundannata thallas l-ispejjez hi (hekk ara Koll. Vol.XXVI-I-173 u Vol XXXIX-I-342). Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha dejjem id-diskrezzjoni finali li tiggudika hi dwar il-kap ta' l-ispejjez skond il-fattispecie u l-implikazzjonijiet legali ta' kull gudikat.

17. Fil-kaz in ezami, il-htiega li jissejjah fil-kawza ir-Registratur ta' l-Artijiet da parti ta' l-atturi nqalghet meta, fil-mori tal-proceduri, irrizulta li nhareg Certifikat ta' Titolu favur il-konvenuti. Issa skond l-Artikolu 51(5) tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prezenza tar-Registratur ta' l-Artijiet kienet mehtiega ghaliex altrimenti l-gudizzju tal-Qorti seta' ma kienx ikun jista' jigi eventwalment esegwit, u dan in kwantu huwa r- Registratur ta' l-Artijiet li finalment hu vestit bis-setgha tar-registrazzjoni. Barra minn dan, dwar il-meritu, li gie ikkuntestat sew mill-appellanti, din il-Qorti gia` esprimiet ruhha li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kienu infondati. Jinghad biss – u dan billi sar accenn mill-appellanti ghall-fatti kif sehhew – li l-atturi ma hadux ic-

cwievet tal-fondi l-ohra mhux b'pika imma kif osservat l-ewwel Qorti, ghar-raguni li l-offerta li saret mill-konvenuti kienet marbuta ma' l-accettazzjoni da parti ta' l-atturi li l-proprjeta` mertu ta' dan l-appell kienet tappartjeni esklussivament lill-konvenuti.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

18. Fl-ahharnett, kwantu ghat-talba ta' l-atturi appellati biex tigi applikata s-sanzjoni komminata fl-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 ghal fini ta' kundanna ta' spejjez doppji, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jezistux l-estremi ghal fini ta' tali applikazzjoni u dan billi l-appell li gie interpost mill-konvenuti, ghalkemm ser jigi respint, la jidher li kien wiehed frivolu u lanqas vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma <u>in toto</u> is-sentenza appellata, <u>tichad</u> l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------